

Emenda 14

Ángela Vallina, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Sofia Sakorafa, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Marina Albiol Guzmán, Sabine Lösing, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Kostadinka Kuneva, Kostas Chrysogonos, Barbara Spinelli, Anja Hazekamp
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0331/2016

Notis Marias

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
2016/2150(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

3. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Ombudsman Ewropew biex iżżid it-trasparenza fin-negozjati tat-TTIP permezz ta' proposti lill-Kummissjoni; ***ifaħħar il-pubblikazzjoni li rriżultat minnhom, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' għadd ta' dokumenti tat-TTIP, li b'hekk it-trasparenza ġiet promossa bħala wieħed mit-tliet pilastru tal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Kummissjoni;*** jenfasizza mill-ġdid il-ħtieġa ta' trasparenza msaħħa fi ftehimiet internazzjonali bħalma huma t-TTIP, is-CETA u oħrajn, kif mitlub minn haġna ċittadini mħassba li indirizzaw lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jitlob li jsiru sforzi aktar b'saħħithom u aktar wiesgħa f'dan ir-rigward, bil-għan li tiġi salvagwardjata l-fiduċja taċ-Ċittadini Ewropej;

3. ***Jopponi t-TTIP u s-CETA u jikkondividi t-tħassib ta' miljuni ta' ċittadini; jenfasizza li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva haġna lmenti minn ċittadini u organizzazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' trasparenza fin-negozjati dwar it-TTIP u s-CETA; jiddispijaċih dwar is-segretezza ta' dawn in-negozjati; ifaħħar is-suċċess tal-Inizjattiva popolari taċ-Ċittadini Ewropej (ICE) "Stop TTIP", li rċeviet 3 284 298 firma u laħqet il-kworum tal-pajjiż fi 23 Stat Membru; jiddeplora r-rifjut mill-Kummissjoni tal-ICE "Stop TTIP"; jilqa' f'dan il-kuntest, l-isforzi kontinwi tal-Ombudsman Ewropew biex iżżid it-trasparenza fin-negozjati tat-TTIP permezz ta' proposti lill-Kummissjoni; jenfasizza mill-ġdid il-ħtieġa ta' trasparenza msaħħa fi ftehimiet internazzjonali bħalma huma t-TTIP, is-CETA u oħrajn, kif mitlub minn haġna ċittadini mħassba li indirizzaw lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jitlob li jsiru sforzi aktar b'saħħithom u aktar wiesgħa f'dan ir-rigward, bil-għan li tiġi salvagwardjata l-fiduċja taċ-Ċittadini Ewropej;***

Or. en

16.11.2016

A8-0331/15

Emenda 15

Ángela Vallina, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Sofia Sakorafa, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Marina Albiol Guzmán, Sabine Lösing, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Kostadinka Kuneva, Kostas Chrysogonos, Barbara Spinelli, Anja Hazekamp
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

Notis Marias

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
2016/2150(INI)

A8-0331/2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jappoġġja d-determinazzjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħmel il-ħidma tal-Bank Ċentrali Ewropew aktar trasparenti ***u konformi ma' standard għoli ta' governanza, speċjalment bħala membru tat-Trojka/Kwadriga li tissorvelja l-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali fil-pajjiżi tal-UE; jilqa' d-deċiżjoni tal-BĊE li jippubblika listi tal-laqgħat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu; jappoġġja l-prinċipji ta' gwida ġodda għall-impenji ta' għoti ta' diskorsi u l-istabiliment ta' "perijodu kalm" fir-rigward ta' informazzjoni sensittiva għas-suq qabel ma jsiru l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv.***

Emenda

9. ***Jikkundanna n-natura anti-demokratika tal-Bank Ċentrali Ewropew u n-nuqqas ta' responsabilità politika tiegħu; f'dan il-kuntest, jappoġġja d-determinazzjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħmel il-ħidma tal-Bank Ċentrali Ewropew aktar trasparenti;***

Or. en

16.11.2016

A8-0331/16

Emenda 16

Ángela Vallina, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Sofia Sakorafa, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Marina Albiol Guzmán, Sabine Lösing, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Kostadinka Kuneva, Kostas Chrysogonos, Barbara Spinelli, Anja Hazekamp
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0331/2016

Notis Marias

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
2016/2150(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. *Jinnota l-istatus* tal-BĊE kemm bħala awtorità monetarja u kemm bħala membru konsultattiv tat-Trojka/Kwadriga, u jappella lill-Ombudsman Ewropew biex *issalvagwardja l-interessi tal-amministrazzjoni tajba ta'* waħda mill-awtoritajiet finanzjarji l-aktar importanti;

10. *Jesprimi tħassib kbir dwar kunflitt ta' interess rappreżentat mill-istatus* tal-BĊE kemm bħala awtorità monetarja u kemm bħala membru konsultattiv tat-Trojka/Kwadriga, *li qed timponi riformi strutturali u politiki ta' awsterità fuq l-Istati Membri*, u jappella lill-Ombudsman Ewropew biex *tkompli tinvestiga l-amministrazzjoni ħażina minn* waħda mill-awtoritajiet finanzjarji l-aktar importanti;

Or. en

Emenda 17

Ángela Vallina, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Sofia Sakorafa, Jiří Maštálka, Merja Kyllönen, Marina Albiol Guzmán, Sabine Lösing, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Kostadinka Kuneva, Kostas Chrysogonos, Barbara Spinelli, Anja Hazekamp
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0331/2016****Notis Marias**

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
2016/2150(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 20***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

20. Ifakkar li l-kunflitt ta' interess għandu ambitu usa' mill-każijiet tat-tip 'bieb idur'; jenfasizza li l-indirizzar determinat u b'mod effettiv tal-għejun kollha ta' kunflitt ta' interess huwa kruċjali sabiex tinkiseb amministrazzjoni tajba u tiġi żgurata l-kredibilità tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u tekniċi; iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari fil-livell tal-UE, abbażi ta' standards għolja u miżuri konkreti li ma jħallu l-ebda dubju rigward xi kunflitt ta' interess, fil-ħatra tal-kandidati għall-pożizzjonijiet fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni;

20. Ifakkar li l-kunflitt ta' interess għandu ambitu usa' mill-każijiet tat-tip 'bieb idur'; jenfasizza li l-indirizzar determinat u b'mod effettiv tal-għejun kollha ta' kunflitt ta' interess huwa kruċjali sabiex tinkiseb amministrazzjoni tajba u tiġi żgurata l-kredibilità tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u tekniċi; ***jiddeplora, f'dan il-kuntest, il-kunflitti ta' interess ta' bosta Kummissarji Ewropej bħall-Kummissarju Spanjol attwali għall-Azzjoni Klimatika u l-Enerġija, Miguel Arias Cañete, u l-Kummissarju Olandiż għall-Kompetizzjoni, Neelie Kroes***; iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari fil-livell tal-UE, abbażi ta' standards għolja u miżuri konkreti li ma jħallu l-ebda dubju rigward xi kunflitt ta' interess, fil-ħatra tal-kandidati għall-pożizzjonijiet fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 18

Ángela Vallina, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Kostas Chrysogonos, Barbara Spinelli, Anja Hazekamp
fisem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0331/2016

Notis Marias

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
2016/2150(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 23***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

23. Jilqa' l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' lmenti għall-ksur *potenzjali* tad-drittijiet fundamentali fil-Frontex, wara investigazzjoni mill-Ombudsman li għadha għaddejja dwar il-prattiki użati mill-Frontex u mill-Istati Membri fir-ritorni furzati konġunti ta' migranti irregolari; ifaħħar l-inklużjoni ta' tali mekkaniżmu fir-regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;

23. Jilqa' ***bħala pass pożittiv*** l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' lmenti għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-Frontex, wara investigazzjoni mill-Ombudsman li għadha għaddejja dwar il-prattiki użati mill-Frontex u mill-Istati Membri fir-ritorni furzati konġunti ta' migranti irregolari ***u r-rifuġjati***; ifaħħar l-inklużjoni ta' tali mekkaniżmu fir-regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta; ***iqis, madankollu, li dan il-mekkaniżmu għandu jkun indipendenti sabiex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jiddispjaċih li dan mhux il-każ għax, fil-prattika, l-Aġenzija l-ġdida għadu għodda oħra biex jikkontrollaw il-flussi migratorji u jipprevjenu lin-nies li għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali milli jaslu fl-UE;***

Or. en